Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,583, 5 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 76 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(CAP. 465)

Regolamenti tal-2021 dwar l-Attivitajiet Sportivi ta' Kuntatt

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar l-Attivitajiet Sportivi ta' Kuntatt.

Projibizzjoni ta' attivitajiet sportivi ta' kuntatt.

2. Persuni li ma għalqux l-età ta' sbatax-il sena huma projbiti milli jipparteċipaw fl-isport ta' kuntatt.

Attivitajiet sportivi ta' kuntatt għal persuni ta' iktar minn sbatax-il sena.

3. Kull attività sportiva ta' kuntatt għal persuni minn sbatax-il (17) sena 'l fuq għandha tkun regolata minn standards stabbiliti mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Data sa meta jibqgħu fis-seħħ ir-regolamenti.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-11 ta' April 2021.